MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 189/2012

**Charles Borg u**

**Sharon Borg**

**vs**

**Ivan Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom s-somma ta' hdax-il elf hames mija wiehed u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€11,541.92c) rapprezentanti hlas

dovut mill-konvenut ghal servizzi ta' provvista ta' dawl u ilma li kienu jservu l-fond mikri lill-konvenut mill-atturi dwar lokazzjoni ta' hanut li jgib l-isem ta' 'Charles Mini Market', fi Triq Leli Falzon, Naxxar, liema ammont gie mhallas mill-atturi lill-provveditur tas-servizzi stante li servizzi huma registrati f'isem ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, datata 9 ta' Dicembru, 2011 u bl-imghaxijiet legali skont l-oghla rata permessa mill-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Ivan Camilleri fejn espona:

1. Illi preliminarjament it-talbiet ta' l-atturi huma preskritti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u s-smiegh tal-provi;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi jridu jindikaw ghal liema kontijiet tad-dawl u l-ilma qeghdin jaghmlu referenza ghalihom u dan stante li l-esponenti gia hallas kull uzu tad-dawl u l-ilma li jkopri l-perjodu ta' l-iskrittura privata bejn il-partijiet datata 18 ta' Ottubru, 2002;
4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti ezebiti.

Fis-seduta tat-18 ta' Gunju, 2014, Dottor Caroline Farrugia, l-avukat difensur tal-konvenut ivverbalizzat hekk: *"Dr. Farrugia tirrileva li fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-klijent taghha f'din il-kawza, hija lesta li tiddikjara li l-flus dovuti lill-attur huma dovuti mill-klijent taghha u ghaldaqstant s'issa thallsu l-ammont ta' elf Euro."*

Sussegwentement fl-istess seduta, l-atturi pprezentataw nota *seduta stante* (a fol. 56 tal-process) li

biha l-istess atturi ddikjaraw li fil-mori ta’ din il-kawza thallas l-ammont ta’ elf ewro (€1,000) u ghaldaqstant irriducew it-talba ghas-somma ta’ ghaxart elef hames mija wiehed u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€10,541.92). Fl-istess waqt, huma zammu ferm l-imghax dovut in konnessjoni mat-talba principali taghhom fis-somma ta’ hdax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€11, 541.92), u l-ispejjez ta’ din il-kawza.

**Konkluzjoni**

In vista ta’ dak premess, il-Qorti tilqa’ t-talbiet tal-atturi, u tikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ ghaxart elef hames mija wiehed u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€10,541.92), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 datata 9 ta’ Dicembru, 2011, u bl-imghaxijiet legali skont l-oghla rata permessa mill-ligi fuq is-somma ta’ hdax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€11,541.92) sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------